# SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

13 ta' Ottubru 2011 *

Fil-Kawża C-83/10,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari taħt l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Juzgado de lo Mercantil nº 1 de Pontevedra (Spanja), permezz ta' deċiżjoni tal-1 ta' Frar 2010, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-11 ta' Frar 2010, fil-proċedura

**Aurora Sousa Rodríguez,**

**Yago López Sousa,**

**Rodrigo Manuel Puga Lueiro,**

**Luis Ángel Rodríguez González,**

**María del Mar Pato Barreiro,**

* Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol.

**Manuel López Alonso,**

**Yaiza Pato Rodríguez**

vs

**Air France SA,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn K. Lenaerts, President tal-Awla, J. Malenovský (Relatur), R. Silva de Lapuerta, E. Juhász u D. Šváby, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: E. Sharpston,
Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal A. Sousa Rodríguez, Y. López Sousa, R.M. Puga Lueiro, L. Á. Rodríguez González, M. Pato Barreiro, M. López Alonso u Y. Pato Rodríguez, minn J. Portela Leiros, Procurador de los Tribunales, assistit minn J. González Pérez, avukat,

— għall-Gvern Franċiż, minn G. de Bergues u M. Perrot, bħala aġenti,

— għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistit minn M. Russo, avvocato dello Stato,

— għall-Gvern Pollakk, minn M. Szpunar, bħala aġent,

— għall-Gvern tar-Renju Unit, minn S. Hathaway, bħala aġent, assistit minn D. Beard, barrister,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn L. Lozano Palacios u K. Simonsson, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-28 ta' Ġunju 2011,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 2(l) u 12 tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Frar 2004, li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn seba' passiġġieri u Air France SA (iktar 'il quddiem "Air France"), dwar il-kumpens għad-dannu allegatament subit insegwitu għal dewmien twil u għal inkonvenjenzi li rriżultaw minn problemi tekniċi li ltaqa' magħhom l-ajruplan ta' din il-kumpannija tal-ajru waqt titjira bejn Pariġi (Franza) u Vigo (Spanja).

**Il-kuntest ġuridiku**

*Id-dritt internazzjonali*

3 Il-Komunità Ewropea ħadet sehem fil-Konferenza Internazzjonali Diplomatika dwar il-liġi tal-ajru, li seħħet f'Montréal mill-10 sat-28 ta' Mejju 1999, li fit-28 ta' Mejju 1999 irriżultat fl-addozzjoni tal-Konvenzjoni għall-Unifikazzjoni ta' Ċerti Regoli għat-Trasport Internazzjonali bl-Ajru (iktar 'il quddiem, il-"Konvenzjoni ta' Montréal), u ffirmat il-Konvenzjoni msemmija fid-9 ta' Diċembru 1999.

4 Fil-5 ta' April 2001, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta d-Deċiżjoni 2001/539/KE, dwar il-konklużjoni tal-Komunità Ewropea tal-Konvenzjoni għall-Unifikazzjoni ta' Ċerti Regoli għat-Trasport Internazzjoni bl-Ajru (il-Konvenzjoni ta' Montréal) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 5, p. 491). Din il-Konvenzjoni, fir-rigward tal-Unjoni Ewropea, daħlet fis-seħħ fit-28 ta' Ġunju 2004.

5 L-Artikolu 19 tal-Konvenzjoni ta' Montréal, intitolat "Dewmien", jiddisponi fil-Kapitolu III tiegħu, li huwa intitolat "Ir-Responsabbiltà tat-trasportatur u l-estent tal-kumpens għal danni":

"It-trasportatur huwa responsabbli għal dannu kkaġunat minn dewmien fit-trasport bl-ajru tal-passiġġieri, il-bagaliji jew il-merkanzija. Madanakollu, it-trasportatur m'għandux ikun responsabbli għad-danni kkawżati bid-dewmien jekk jidher illi t-trasport u s-servjenti u l-aġenti tiegħu ħadu l-miżuri kollha li setgħu jintalbu raġjonevolment sabiex jevitaw id-dannu jew li kien impossibbli għalihom li jieħdu dawn il-miżuri."

6 L-Artikolu 22(1) ta' din il-Konvenzjoni, intitolat "Limiti tar-responsabbiltà fir-rigward ta' demwien, bagalji u merkanzija", li jinsab fl-istess Kapitolu III, jiddisponi:

"Fil-każ ta' dannu kkawżat minn dewmien kif speċifikat fl-Artikolu 19 fit-trasport ta' persuni, ir-responsabbiltà tat-trasportatur għal kull passiġġier huwa llimitat għal 4 150 Dritt Speċjali tal-Ġbid."

7 L-Artikolu 29 tal-Konvenzjoni ta' Montréal, intitolat "Bażi tal-pretensjonijiet", jiddisponi:

"Fil-trasport tal-passiġġieri, bagalji u merkanzija, kull azzjoni għal danni, tkun kif tkun fondata, kemm taħt din il-Konvenzjoni jew taħt kuntratt jew delitt jew xort' oħra, tista' tinġieb biss bla ħsara għall-kondizzjonijiet u dawn il-limiti ta' responsabbiltà kif stabbiliti f'din il-Konvenzjoni [...]"

*Id-dritt tal-Unjoni*

Ir-Regolament (KE) Nru 2027/97

8 L-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2027/97, tad-9 ta' Ottubru 1997, dwar ir-responsabbiltà tat-trasportaturi bl-ajru fir-rigward tat-trasport ta' passiġġieri u l-bagalji tagħhom bl-ajru (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 3, p. 489), kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 889/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Mejju 2002 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 6, p. 246, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 2027/97"), jiddisponi:

"Dan ir-Regolament jimplimenta d-dispożizzjonijiet relevanti tal-Konvenzjoni ta' Montréal [...]."

9 L-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2027/97 jipprovdi:

"Ir-responsabbiltà ta' trasportatur bl-ajru Komunitarju fir-rigward ta' passiġġieri u l-bagalji tagħhom tiġi regolata mid-dispożizzjonijiet kollha tal-Konvenzjoni ta' Montréal pertinenti għal din ir-responsabbiltà."

Ir-Regolament Nru 261/2004

10 Il-premessi 2 u 7 tar-Regolament Nru 261/2004 jipprovdu:

"(10) Passiġġieri li ma tħallewx jitilgħu kontra l-volontá tagħhom għandhom jitħallew jew jikkanċellaw it-titjiriet tagħhom, b'rimbors tal-biljetti tagħhom, jew ikompluhom taħt kondizzjonijiet sodisfaċjenti, u ħsieb xieraq tagħhom għandu jiġi meħud filwaqt li qed jistennew titjira li ser isseħħ aktar tard.

[...]

(17) Għandu jittieħed ħsieb xieraq ta' passiġġieri li t-titjiriet tagħhom huma mdewmin għal ħin speċifiku tagħhom u dawn għandhom jitħallew jikkanċellaw it-titjiriet tagħhom b'rimbors tal-biljetti tagħhom jew ikompluhom taħt kondizzjonijiet sodisfaċjenti."

11 L-Artikolu 1(1) ta' dan ir-regolament, intitolat "Soġġett", jipprovdi:

"Dan ir-Regolament jistabbilixxi, taħt il-kondizzjonijiet speċifikati hawnhekk, drittijiet minimi għal passiġġieri meta:

(a) ma jitħallewx jitilgħu kontra l-volontá tagħhom;

(b) it-titjira tagħhom hi kkanċellata;

(c) it-titjira tagħhom hi mdewma."

12 L-Artikolu 2(l) ta' dan ir-regolament, jipprovdi, taħt it-titolu "Definizzjonijiet":

"Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament:

[…]

(l) 'kanċellazzjoni' tfisser in-nuqqas ta' operazzjoni ta' titjira li kienet qabel ippjanata u fuq liema mill-inqas post wieħed kien irreżervat."

13 L-Artikolu 5(1) sa (3) tal-istess regolament, intitolat "Kanċellazzjoni", jistabbilixxi:

"1. Fil-każ ta' kanċellazzjoni ta' titjira, il-passiġġieri in kwistjoni għandhom:

(a) jiġu offruti assistenza mil-trasportatur ta' l-ajru li jopera skond l-Artikolu 8; u

(b) jiġu offruti assistenza mil-trasportatur ta' l-ajru li jopera skond l-Artikolu 9(1)(a) u 9(2), kif ukoll, fil-każ ta' għemil ta' rotta differenti meta l-ħin tat-tluq raġonevolment mistenni tat-titjira ġdida hu mill-inqas il-ġurnata wara t-tluq kif kien ippjanat għat-titjira kkanċellata, l-assistenza speċifikata fl-Artikolu 9(1)(b) u 9(1)(c); u

(c) jkollhom id-dritt għal kumpens mil-trasportatur ta' l-ajru li jopera skond l-Artikolu 7, kemm-il darba:

(i) huma informati bil-kanċellazzjoni mill-inqas ġimgħatejn qabel il-ħin tat-tluq skedat; jew

(ii) huma informati bil-kanċellazzjoni bejn ġimgħatejn u sebat ijiem qabel il-ħin tat-tluq skedat u huma offruti rotta differenti, li tħallihom jitilqu mhux aktar minn sagħtejn qabel il-ħin tat-tluq skedat u jaslu fid-destinazzjoni finali tagħhom inqas minn erba' sigħat wara l-ħin tal-wasla skedat; jew

(iii) huma informati bil-kanċellazzjoni inqas minn sebat ijiem qabel il-ħin tat-tluq skedat u huma offruti rotta differenti, li tħallihom jitilqu mhux aktar minn siegħa qabel il-ħin tat-tluq skedat u jaslu fid-destinazzjoni finali tagħhom inqas minn sagħtejn wara l-ħin tal-wasla skedat.

2. Meta passiġġieri huma informati bil-kanċellazzjoni, spjegazzjoni għandha tiġi mogħtija fir-rigward ta' trasport alternattiv possibbli.

3. Trasportatur ta' l-ajru li jopera m'għandux ikun obbligat iħallas kumpens skond l-Artikolu 7, jekk jista' juri li l-kanċellazzjoni hi kkawżata minn ċirkostanzi staordinarji li ma setgħux jiġu evitati anki jekk il-miżuri raġonevoli kollha ġew meħudin."

14 L-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 61/2004, intitolat "Dewmien" jiddisponi:

"Meta trasportatur ta' l-ajru li jopera jistenna b'mod raġonevoli li titjira tiġi mdewma lil hin mil-ħin tat-tluq tagħha skedat:

(a) għal sagħtejn jew aktar, fil-każ ta' titjiriet ta' 1 500 kilometru jew inqas; jew

(b) għal tlett sigħat jew aktar, fil-każ tat-tijiriet intra-Komunitarji kollha ta' aktar minn 1 500 kilometru u għat-titjiriet oħrajn kollha bejn 1 500 u 3 500 kilometru; jew

(c) għal erba' sigħat jew aktar, fil-każ tat-titjiriet kollha li ma jaqawx taħt (a) jew (b),

passiġġieri għandhom jiġu offruti mil-trasportatur ta' l-ajru li jopera:

(i) l-assistenza speċifikata fl-Artikolu 9(1)(a) u 9(2); u

(ii) meta l-ħin tat-tluq raġonevolment mistenni hu mill-inqas il-ġurnata wara l-ħin tat-tluq li kien imħabbar qabel, l-assistenza speċifikata fl-Artikolu 9(1)(b) u 9(1)(c); u

(iii) meta d-dewmien hu ta' mill-inqas ħames sigħat, l-assistenza speċifikata fl-Artikolu 8(1)(a)."

15 L-Artikolu 7(1) ta' dan ir-regolament, intitolat "Dritt għall-kumpens" jiddisponi:

"1. Fejn referenza hi magħmula għal dan l-Artikolu, passiġġieri għandhom jirċievu kumpens li jammonta għal:

(a) EUR 250 għat-titjiriet kollha ta' 1 500 kilometru jew inqas;

[...]"

16 L-Artikolu 8 ta' dan ir-regolament, intitolat "Dritt għar-rimbors jew rotta differenti", jipprovdi:

"1. Fejn referenza hi magħmula għal dan l-Artikolu, passiġġieri għandhom jiġu offruti l-għażla bejn:

(a) - rimbors fi żmien sebat ijiem, permezz tal-mezzi previsti fl-Artikolu 7(3), tal-prezz sħiħ tal-biljett bil-prezz b'liema ġie mixtri, għall-parti jew partijiet tal-vjaġġ li ma ġewx magħmulin, u għall-parti jew partijiet li diġá ġew magħmulin jekk it-titjira m'għadhiex qed taqdi kwalunkwe skop fir-rigward tal-pjan ta' vjaġġ oriġinali tal-passiġġier, flimkien ma', meta rilevanti,

- titjira lura għall-ewwel punt ta' tluq, ma' l-ewwel opportunitá;

(b) rotta differenti, taħt kondizzjonijiet tat-trasport paragunabbli, għad-destinazzjoni finali tagħhom ma' l-ewwel opportunitá; jew

(c) rotta differenti, taħt kondizzjonijiet tat-trasport paragunabbli, għad-destinazzjoni finali tagħhom f'data aktar tard skond il-konvenjenza tal-passiġġier, soġġett għall-postijiet li qegħdin għad-dispożizzjoni.

[...]

3. Meta, fil-każ fejn belt, ċittá jew reġjuni hi moqdija minn bosta ajruporti, trasportatur ta' l-ajru joffri passiġġier titjira għal ajruport alternattiv għal dak għal liema l-prenotazzjoni ġiet magħmula, il-trasportatur ta' l-ajru li jopera għandu jħallas l-ispiża tat-trasferiment tal-passiġġier minn dak l-ajruport alternattiv jew għal dak għal liema l-prenotazzjoni ġiet magħmula, jew għal destinazzjoni oħra li qegħda fil-qrib miftehma mal-passiġġier."

17 L-Artikolu 9(1) u (2) tar-Regolament 261/2004, intitolat "Id-dritt li ħsieb tal-passiġġieri jiġi meħud", jipprovdi:

"1. Fejn referenza hi magħmula għal dan l-Artikolu, passiġġieri għandhom jiġu offruti mingħajr ħlas:

(a) ikliet u ħwejjeġ oħra ta' xorb u ta' ikel b'konnessjoni raġonevoli mal-ħin li għandhom jistennew;

(b) akkomodazzjoni f'lukanda f'każijiet

— fejn isir meħtieġ li joqogħdu għal lejl waħda jew aktar, jew

— fejn isir meħtieġ li l-passiġġier ikollu joqgħod għal żmien addizzjonali għal dak maħsub minnu;

(c) trasport bejn l-ajruport u l-post ta' l-akkomodazzjoni (il-lukanda jew post ieħor).

2. Barra minn dan, passiġġieri għandhom jiġu offruti mingħajr ħlas żewġ sejħiet bit-telefon, telex jew messaġġi bil-fax, jew e-mails."

18 L-Artikolu 12(1) ta' dan ir-regolament, taħt it-titolu "Kumpens ulterjuri", jistabbilixxi:

"Dan ir-Regolament għandu japplika bla ħsara għad-drittijiet ta' passiġġier għal kumpens ulterjuri. Dan il-kumpens mogħti taħt dan ir-Regolament jista' jiġi mnaqqas minn dan il-kumpens."

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

19 Ir-rikorrenti kienu kkonkludew kuntratt għal trasport bl-ajru ma' Air France sabiex permezz tat-titjira 5578 ta' din il-kumpannija jtiru minn Pariġi (Franza) għal Vigo (Spanja). Din it-titjira kienet skedata sabiex titlaq minn Pariġi-Charles de Gaulle fit-19.40 nhar il-25 ta' Settembru 2008.

20 It-titjira telqet skont kif kien previst, iżda wara ftit minuti l-pilota ddeċieda li jirritorna lura lejn il-punt tat-tluq tiegħu, l-ajruport Pariġi-Charles de Gaulle, minħabba problema teknika fl-ajruplan. Wara li rritorna lejn l-ajruport ta' oriġini, ma hemm l-ebda indikazzjoni fil-proċess fil-kawża prinċipali li l-ajruplan kien telaq mill-ġdid u li wasal, wara dewmien, lejn id-destinazzjoni tiegħu.

21 Tlieta mill-passiġġieri tat-titjira kkonċernata ġew mitluba jieħdu titjira li telqet l-għada, is-26 ta' Settembru 2008, fis-7.05, mill-ajurport Pariġi-Orly bid-destinazzjoni Porto (il-Portugall), minn fejn waslu f'Vigo permezz ta' taxi. Passiġġier ieħor kien offrut, dakinhar stess, titjira minn Pariġi għal Vigo, vija Bilbao. Fir-rigward tal-passiġġieri l-oħra, Air France pprovdietilhom post fuq it-titjira tagħha stess minn Pariġi għal Vigo, li wkoll telqet fis-26 ta' Settembru 2008, fl-istess ħin ta' dik li kellha l-ħsara (it-19.40). Bl-eċċezzjoni ta' wieħed minn dawn il-passiġġieri, l-ebda passiġġier ieħor ta' din it-titjira ma kien alloġġjat a spejjeż ta' Air France jew ma rċieva kwalunkwe tip ta' assistenza oħra minn din il-kumpannija tal-ajru.

22 Seba' mill-passiġġieri tat-titjira 5578, jiġifieri r-rikorrenti fil-kawża prinċipali, ħarrku lil Air France għad-danni quddiem il-Juzgado de lo Mercantil n° 1 de Pontevedra (il-Qorti Kummerċjali Nru 1 ta' Pontevedra), għall-ksur ta' kuntratt ta' trasport bl-ajru.

23 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jitolbu għall-kumpens taħt l-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 261/2004 sal-ammont fiss ta' EUR 250 kull wieħed, kif previst b'din id-dispożizzjoni. Barra minn hekk, wieħed mir-rikorrenti jitlob għar-rimbors tal-ispejjeż inkorsi sabiex jittieħed bit-taxi mill-ajruport ta' Porto sa Vigo. Rikorrent ieħor talab għar-rimbors tal-ispejjeż tiegħu għal ikla ħdejn l-ajruport ta' Pariġi, kif ukoll għal dawk relatati mas-sorveljanza tal-kelb tiegħu għal ġurnata iktar minn dak inizjalment ippjanat. Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti kollha jitolbu għall-kundanna ta' Air France sabiex tħallashom somma ulterjuri għad-dannu morali li huma sofrew.

24 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi, li l-Juzgado de lo Mercantil nº 1 de Pontevedra ddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

"1) Il-kunċett ta' 'kanċellazzjoni' iddefinit fl-Artikolu 2(l) [tar-Regolament Nru 261/2004] għandu jiġi interpretat fis-sens li jirreferi esklużivament għan-nuqqas ta' tluq ta' titjira fil-ħin previst jew ukoll fis-sens ta' kwalunkwe ċirkustanza fejn din it-titjira b'reżervazzjonijiet tkun telqet iżda ma tkunx laħqet id-destinazzjoni tagħha, inkuż fil-każ ta' ritorn imġiegħel fl-ajruport ta' oriġini minħabba ċirkustanzi tekniċi?

2 Il-kunċett ta' 'kumpens ulterjuri' msemmi fl-Artikolu 12 ta' dan ir-regolament għandu jiġi interpretat fis-sens li jippermetti lill-qorti nazzjonali, fil-każ ta' kanċellazzjoni, li tagħti kumpens għal danni, inklużi danni morali minħabba nuqqas ta' twettiq tal-kuntratt ta' trasport bl-ajru skont il-kriterji stabbiliti fil-leġiżlazzjoni u ġurisprudenza nazzjonali dwar in-nuqqas ta' twettiq kuntrattwali jew (jekk), bil-kontra, dan il-kumpens għandu jingħata biss għal spejjeż debitament sostanzjati minn passiġġieri u li ma humiex ikkumpensati suffiċjentement

mit-trasportatur tal-ajru skont ma jirrikjedu l-Artikoli 8 u 9 [tar-Regolament], mingħajr ma dawn id-dispożizzjonijiet ġew invokati jew, fl-aħħar nett, dawn il-kunċetti ta' kumpens ulterjuri huma kompatibbli bejniethom?"

**Fuq id-domandi preliminari**

*Fuq l-ewwel domanda*

25 Għall-finijiet tal-kumpens għall-passiġġieri fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 5 u 7 flimkien tar-Regolament Nru 261/2004, il-qorti tar-rinviju, meta mitluba tiddetermina jekk it-titjira inkwistjoni tistax tiġi deskritta bħala "ikkanċellata", fis-sens tal-Artikolu 2(l) tal-imsemmi regolament, essenzjalment tistaqsi jekk il-kunċett ta' "kanċellazzjoni" jirrigwarda esklużivament il-każ tan-nuqqas ta' kull tluq tal-ajruplan ikkonċernat jew jekk dan ikoprix ukoll il-każ fejn dan l-ajruplan, minkejja li tar, kellu jirritorna lura fl-ajruport tat-tluq, insegwitu għal problema teknika tal-ajruplan.

26 L-Artikolu 2(l) tar-Regolament jiddefinixxi "kanċellazzjoni" bħala "in-nuqqas ta' operazzjoni ta' titjira li kienet qabel ippjanata u fuq liema mill-inqas post wieħed kien irreżervat". Qabel ma tkun tista' tiddetermina s-sens tal-kunċett "kanċellazzjoni", għalhekk huwa qabel kollox meħtieġ li jiġi speċifikat il-kunċett ta' "titjira", fis-sens ta' dan l-artikolu.

27 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kkunsidrat li titjira essenzjalment tikkonsisti, f'operazzjoni tat-trasport bl-ajru, li hija b'hekk, b'ċertu mod, "unità" ta' dan it-trasport, magħmula minn trasportatur tal-ajru li jistabbilixxi r-rotta tiegħu

(sentenza tal-10 ta' Lulju 2008, Emirates Airlines, C-173/07, Ġabra p. I-5237, punt 40). Barra minn hekk, hija tippreċiża li r-rotta tikkostitwixxi element essenzjali tat-titjira, peress li din tal-aħħar issir skont skeda stabbilita minn qabel mit-trasportatur (sentenza tad-19 ta' Novembru 2009, Sturgeon *et*, C-402/07 u C-432/07, Ġabra p. I-10923, punt 30).

28 It-terminu "rotta" li jindika l-vjaġġ bl-ajruplan mill-ajruport tat-tluq sal-ajruport tal-wasla, skont ordni kronoloġiku stabbilit, jirriżulta li sabiex titjira tista' titqies bħala magħmula, ma huwiex biżżejjed li l-ajruplan ikun telaq skont ir-rotta ppjanata, iżda jirrikjedi wkoll li jasal fid-destinazzjoni tiegħu kif jinsab fir-rotta msemmija. Issa l-fatt li t-tluq seħħ, iżda li l-ajruplan kellu mbagħad jirritorna lura lejn l-ajruport tat-tluq mingħajr ma laħaq id-destinazzjoni fir-rotta tiegħu, għandu l-effett li t-titjira, hekk kif oriġinarjament kienet ippjanata, ma tistax titqies li saret.

29 Barra minn hekk, minn imkien ma jirriżulta fid-definizzjoni tal-Artikolu 2(l) tar-Regolament Nru 261/2004 li, lil hinn mill-fatt li t-titjira oriġinali ma saritx, il-"kanċellazzjoni" ta' din it-titjira, fis-sens ta' dan l-artikolu, kien jeħtieġ l-adozzjoni ta' deċiżjoni espliċita li tikkanċella din.

30 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li fil-prinċipju huwa possibbli li jiġi konkluż li hemm kanċellazzjoni meta t-titjira inizjalment skedata u mdewma tinbidel f'titjira oħra, jiġifieri meta l-iskeda tat-titjira inizjali tiġi abbandunata u l-passiġġieri tagħha jingħaqdu ma' dawk ta' titjira skedata wkoll, u dan indipendentement mit-titjira li għaliha l-passiġġieri hekk ittrasferiti kienu għamlu r-reżervazzjoni tagħhom (sentenza Sturgeon *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 36).

31 F'sitwazzjoni bħal din, ma hemmx bżonn li t-trasport tal-passiġġieri kollha li kienu rriżervaw post fuq it-titjira oriġinali jsir permezz ta' titjira oħra. F'dan ir-rigward, hija ta' importanza s-sitwazzjoni individwali ta' kull passiġġier, jiġifieri li, fir-rigward tal-passiġġier ikkonċernat, l-ipprogrammar inizjali tat-titjira ġiet abbandunata.

32 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li kemm l-Artikolu 1(1)(b) kif ukoll il-premessi 10 u 17 tar-Regolament Nru 261/2004, fi verżjonijiet lingwistiċi differenti tar-Regolament, jagħmlu referenza għall-kanċellazzjoni tat-titjira "tagħhom".

33 Għalhekk, huwa stabbilit li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali ġew ittrasferiti għal titjiriet oħra, skedati l-għada tal-jum tat-tluq previst, li jippermettilhom li jaslu fid-destinazzjoni finali tagħhom, jiġifieri Vigo, u għal xi wħud minnhom permezz ta' bdil ta' ajruplan. It-titjira oriġinali "tagħhom" għandha għalhekk tiġi deskritta bħala "kkanċellata".

34 Fl-aħħar nett, għandu jiġi nnutat li r-raġuni għalfejn l-ajruplan kellu jirritorna lejn l-ajruport tat-tluq u għalhekk ma wasalx fid-destinazzjoni tiegħu, hija mingħajr effett fuq il-kwalifika ta' "kanċellazzjoni" fis-sens tad-definizzjoni fuq imsemmija fl-Artikolu 2(l) tar-Regolament Nru 261/2004. Fil-fatt, din ir-raġuni hija biss rilevanti sabiex jiġi ddeterminat, fil-kuntest tal-kumpens għad-danni inkorsi mill-passiġġieri minħabba l-kanċellazzjoni tat-titjira tagħhom, jekk, fejn ikun il-każ, din il-kanċellazzjoni "hi kkawżata minn ċirkostanzi staordinarji li ma setgħux jiġu evitati anki jekk il-miżuri raġonevoli kollha ġew meħudin", fis-sens tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 261/2004, f'liema każ l-ebda kumpens ma kien dovut.

35 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, hemm lok li r-risposta għall-ewwel domanda tkun li l-kunċett ta' "kanċellazzjoni" kif iddefinit fl-Artikolu 2(l) tar-Regolament Nru 261/2004, għandu jiġi interpretat fis-sens li, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma jirrigwardax esklużivament il-każ tan-nuqqas ta' kull tluq tal-ajruplan ikkonċernat, iżda jkopri wkoll il-każ fejn l-ajruplan telaq, iżda għal raġuni liema tkun, kellu iktar tard jirritorna lejn l-ajruport tat-tluq u minn fejn il-passiġġieri ta' dan l-ajruplan ġew ittrasferiti għal fuq titjiriet oħra.

*Fuq it-tieni domanda*

36 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk, taħt il-kumpens ulterjuri previst fl-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 261/2004, il-qorti nazzjonali tistax tikkundanna lit-trasportatur bl-ajru jħallas għal kull dannu, inklużi dak morali, li jirriżulta minn ksur ta' kuntratt ta' trasport bl-ajru u dan b'mod konformi mar-regoli nazzjonali. Hija b'mod partikolari tistaqsi dwar jekk dan il-kumpens ulterjuri jistax ikopri l-ispejjeż inkorsi mill-passiġġieri minħabba li t-trasportatur bl-ajru naqas mill-obbligi tiegħu li jipprovdi għajnuna u li jieħu ħsiebhom kif previst fl-Artikoli 8 u 9 tar-Regolament Nru 261/2004.

37 L-ewwel nett, għandu jiġi mfakkar li l-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 261/2004 jenfasizza n-natura tad-drittijiet minimi li tistabbilixxi għall-benefiċċju tal-passiġġieri bl-ajru fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu kontra l-volontá tagħhom, meta t-titjira hija kkanċellata jew meta t-titjira hija mdewma. Barra minn hekk, l-Artikolu 12 ta' dan ir-regolament, intitolat "Kumpens ulterjuri", jipprovdi li dan ir-regolament għandu japplika mingħajr ħsara għad-drittijiet tal-passiġġieri għal kumpens ulterjuri. Dan jippreċiża wkoll li l-kumpens mogħti taħt dan l-istess regolament jista' jitnaqqas minn tali kumpens.

38 Jirriżulta minn dawn id-dispożizzjonijiet li l-kumpens mogħti lill-passiġġieri bl-ajru fuq il-bażi tal-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 261/2004 huwa maħsub biex jissupplimenta l-miżuri previsti minn dan ir-regolament, sabiex il-passiġġieri jiġu kkumpensati għad-dannu kollu li jkunu sofrew minħabba fin-nuqqas tat-trasportatur bl-ajru tal-obbligi kuntrattwali tiegħu. Din id-dispożizzjoni tippermetti lill-qorti nazzjonali tikkundanna lit-trasportatur bl-ajru biex jikkumpensa għad-dannu li jirriżulta lill-passiġġieri, mill-ksur tal-kuntratt ta' trasport bl-ajru fondat fuq bażi legali distinta mir-Regolament Nru 261/2004, jiġifieri, b'mod partikolari, fil-kundizzjonijiet previsti mill-Konvenzjoni ta' Montréal jew mil-liġi nazzjonali.

39 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-miżuri standardizzati u immedjati meħuda taħt ir-Regolament Nru 261/2004 ma jfixklux minnhom infushom lill-passiġġieri kkonċernati, milli fil-każ meta l-istess nuqqas tat-trasportatur bl-ajru tal-obbligi kuntrattwali tiegħu jikkawża dannu ulterjuri eliġibbli għall-kumpens, jista' barra minn hekk jibda kawża għal kumpens tal-imsemmija danni fil-kundizzjonijiet previsti mill-Konvenzjoni ta' Montréal (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Jannar 2006, IATA u ELFAA, C-344/04, Ġabra p. I-403, punt 47).

40 B'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 19, 22 u 29 tal-Konvenzjoni ta' Montréal, applikabbli skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2027/97, għar-responsabbiltà ta' trasportatur bl-ajru stabbilit fit-territorju ta' Stat Membru, jispeċifikaw il-kundizzjonijiet li taħthom, wara d-dewmien jew il-kanċellazzjoni ta' titjira, jistgħu jsiru talbiet mill-passiġġieri kkonċernati sabiex jiksbu, bħala kumpens għal danni individwali, danni mingħand it-trasportatur responsabbli għal dannu li jirriżulta minn ksur ta' kuntratt tat-trasport bl-ajru.

41 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li, fis-sentenza tagħha tas-6 ta' Mejju 2010, Walz (C-63/09, Ġabra p. I-4239), punt 29), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li t-terminu "dannu", imsemmi fil-Kapitolu III tal-Konvenzjoni ta' Montréal għandu jinftiehem bħala li jinkludi kemm id-danni ta' natura materjali kif ukoll dawk ta' natura morali. Minn dan isegwi li d-dannu suxxettibbli għal kumpens bl-applikazzjoni tal-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 261/2004, jista' jkun dannu ta' natura mhux biss materjali iżda wkoll morali.

42 Madankollu, bħala kumpens ulterjuri fuq il-bażi tal-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 261/2004, il-qorti nazzjonali ma tistax tikkundanna trasportatur bl-ajru li jirrimborsa lill-passiġġieri, li t-titjira tagħhom ġiet imdewma jew ikkanċellata, l-ispejjeż inkorsi minn dawn tal-aħħar minħabba li dan it-trasportatur bl-ajru naqas mill-obbligi tiegħu li jipprovdi għajnuna (rimbors tal-biljett jew tar-rotta l-ġdida lejn id-destinazzjoni finali, ħlas għat-trasferiment bejn l-ajruport tal-wasla

u l-ajruport inizjalment previst) u li jieħu ħsiebhom (spejjeż relatati mal-ikel, mal-akkomodazzjoni, kif ukoll dawk ta' komunikazzjoni) kif previst fl-Artikoli 8 u 9 ta' dan ir-regolament.

43 Fil-fatt, il-pretensjonijiet tal-passiġġieri bl-ajru, li huma bbażati fuq id-drittijiet mogħtija lilhom minn dan ir-regolament, bħal dawk stabbiliti fl-Artikoli 8 u 9 ta' dan tal-aħħar, ma jistgħux ikunu kkunsidrati bħala parti minn kumpens "ulterjuri" fis-sens li fih din tal-aħħar ġiet iddefinita fil-punt 38 ta' din is-sentenza.

44 Madankollu, meta trasportatur jonqos milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikoli 8 u 9 tar-Regolament Nru 261/2004, id-dritt tal-passiġġieri bl-ajru li jitolbu għal kumpens fuq il-bażi tal-elementi stabbiliti f'dawn l-artikoli huwa fondat.

45 Fl-aħħar nett, il-qorti nazzjonali li kienet qajmet il-kwistjoni dwar jekk id-drittijiet tal-passiġġieri bl-ajru previsti fl-Artikoli 8 u 9 tar-Regolament Nru 261/2004 huma suġġetti għall-fatt li dawk id-dispożizzjonijiet huma invokati minn dawn tal-aħħar, għandu jiġi enfasizzat li hekk kif l-Avukat Ġenerali qieset fil-punt 61 tal-konklużjonijiet tagħha, ma hemm xejn fir-Regolament Nru 261/2004 li jipprekludi l-għoti ta' kumpens minħabba fi ksur tal-Artikoli 8 u 9 ta' dan ir-regolament, jekk dawn id-dispożizzjonijiet ma jkunux ġew iċċitati mill-passiġġieri bl-ajru.

46 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, hemm lok li r-risposta għall-ewwel domanda tkun li l-kunċett ta' "kumpens ulterjuri" msemmi fl-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 261/2004, għandu jiġi interpretat fis-sens li jippermetti lill-qorti nazzjonali li tagħti kumpens, taħt il-kundizzjonijiet previsti mill-Konvenzjoni ta' Montréal jew mil-liġi nazzjonali, għall-ħsara, inkluża dik morali, li tirriżulta minn ksur tal-kuntratt tat-trasport bl-ajru. Barra minn hekk, dan il-kunċett ta' "kumpens

ulterjuri" ma jistax iservi bħala bażi legali għall-qorti nazzjonali sabiex tikkundanna lit-trasportatur bl-ajru jirrimborsa lill-passiġġieri, li t-titjiriet tagħhom ikunu mdewma jew ikkanċellati, l-ispejjeż li kellhom iġarrbu minħabba li dan it-trasportatur naqas mill-obbligi tiegħu li jipprovdi għajnuna u li jieħu ħsiebhom kif previst fl-Artikoli 8 u 9 ta' dan ir-regolament.

## Fuq l-ispejjeż

47 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Il-kunċett ta' "kanċellazzjoni" kif iddefinit fl-Artikolu 2(l) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Frar 2004, li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91, għandu jiġi interpretat fis-sens li, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma jirrigwardax esklużivament il-każ tan-nuqqas ta' kull tluq tal-ajruplan ikkonċernat, iżda jkopri wkoll il-każ fejn l-ajruplan telaq, iżda għal raġuni liema tkun, kellu iktar tard jirritorna lejn l-ajruport tat-tluq u minn fejn il-passiġġieri ta' dan l-ajruplan ġew ittrasferiti għal fuq titjiriet oħra.**

2) **Il-kunċett ta' "kumpens ulterjuri" msemmi fl-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 261/2004, għandu jiġi interpretat fis-sens li jippermetti lill-qorti nazzjonali li tagħti kumpens, taħt il-kundizzjonijiet previsti mill-Konvenzjoni jew mil-liġi nazzjonali, għall-ħsara, inkluża dik morali, li tirriżulta minn ksur tal-kuntratt tat-trasport bl-ajru. Barra minn hekk, dan il-kunċett ta' "kumpens ulterjuri" ma jistax iservi bħala bażi legali għall-qorti nazzjonali sabiex tikkundanna lit-trasportatur bl-ajru jirrimborsa lill-passiġġieri, meta t-titjiriet tagħhom ikunu mdewma jew ikkanċellati, l-ispejjeż li kellhom iġarrbu minħabba li dan it-trasportatur naqas mill-obbligi tiegħu li jipprovdi għajnuna u li jieħu ħsiebhom kif previst fl-Artikoli 8 u 9 ta' dan ir-regolament**

Firem